MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 175/2010

**A B**
**vs**
**L-Avukat Dottor Mark Anthony Mifsud Cutajar**
**u l-Prokuratrici Legali Hilda Ellul Mercer kuraturi deputati**
**nominati biex jirrapprezentaw lill-assenti C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet kienu zzewgu f' Tunez fis-16 ta' Awwissu 2006, liema zwieg gie registrat f' Malta; li f' dan iz-zwieg ma twieldux tfal; li l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m' ghadhiex aktar possibbli minhabba tortijiet attribwibbli lill-intimat, senjatament, l-abbandun, eccessi u adulterju, u wkoll ghax iz-zwieg tkisser irrevokabbilment; li l-intimat jinsab mahrub minn Malta, minhabba proceduri kriminali; li l-attrici ottjeniet id-debita awtorizzazzjoni sabiex tressaq l-istanza odjerna; ghalhekk l-attrici

qieghda titlob li din il-Qorti [1] tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija tal-konvenut; [2] ixxolji, tillikwida u tassenja l-komunjoni ta' l-akkwisti; [3] tapplika fil-konfront tal-konvenut id-dispost ta' l-artikolu 48 tal-Kap.16, in toto jew in parte; [4] tordna li l-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-beni dotali u parafernali taghha; [5] tawtorizza lill-attrici tghix fid-dar matrimonjali ad eskluzzjoni tal-konvenut; [6] tinnomina nutar pubbliku malti biex jircevi l-att opportun; [7] tawtorizza r-registrazzjoni tas-sentenza eventwali; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-kuraturi deputati ddikjaraw li ma kienux ghadhom edotti mill-fatti tal-kaz, u rrizervaw li jipprezentaw risposta guramentata ulterjuri jekk ikun il-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qieghda titlob li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, peress li z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment tort tal-konvenut fit-termini ta' l-artikoli 38, 40 u 41 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta mhux kontraddett li l-partijiet, it-tnejn cittadini Tunezini izda l-attrici residenti f' Malta, izzewgu f' Tunez fis-16 ta' Awwissu 2006.

Illi meta, bis-sahha ta' dan iz-zwieg, il-konvenut nizel Malta, huwa beda jitratta lill-attrici hazin u b' mod abbuziv. Kien dominant fuqha, kien jghajjarha u jghir ghaliha b' mod li l-attrici kienet thossha fgata. Dan kien ta' tbatija kbira ghaliha, stante li f' dak iz-zmien hi kienet qed tistudja fl-Universita' ta' Malta, u kienet necessarjament tithallat ma' hafna nies.

L-attrici tghid li matul ir-relazzjonijiet intimi huwa kien jisforza ruhhu fuqha ta' spiss. Tghid ukoll li hu kien johrog wahdu Paceville, u kien jonfoq il-flus fix-xorb u fit-tfaljiet.

Eventwalment huwa harab minn Malta f' Lulju 2009 peress li kien ricerkat f' Malta u anke f' Tunez minhabba proceduri kriminali pendenti kontra tieghu.

Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Illi mill-kwadru premess il-Qorti tirravviza fil-konfront tal-konvenut is-sevizzi kontemplati fl-artikolu 40 tal-Kap.16, stante li l-azzjonijiet abbuzivi tieghu, ezercitati ripetutament u fuq bazi abitwali, irrendew insapportabbli ghall-attrici l-konvivenza. Inoltre, il-komportament tal-konvenut fir-rigward ta' martu, ghandu jattira l-applikazzjoni fil-konfront tieghu ta' l-artikolu 48 fl-intier tieghu.

*Manteniment – Komunjoni Akkwisti*
Illi fin-nota guramentata taghha l-attrici tiddikjara li m' ghandha ebda interess li titlob manteniment minghand l-intimat; u tghid wkoll li ma hemm ebda assi tal-komunjoni.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:
[1] tilqa' l-ewwel talba, u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija esklussiva tal-konvenut;
[2] tilqa' t-tieni talba limitatament billi tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti mill-ahhar ta' Lulju 2009;
[3] tilqa' t-tielet talba bl-applikazzjoni fl-intier tieghu ta' l-artikolu 48 tal-Kap.16;
[4] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba' talba, stante li ma ngabux provi fir-rigward;
[5] tilqa' il-hames talba;
[6] tichad is-sitt talba;
[7] tilqa' s-seba' talba

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut, izda dawk relatati mal-kuraturi deputati ghandhom provvizorjament jithallsu mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------